

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2011 —
Cesca Group vs UASI — Mangini & C. (Mangiami)**

(Kawża T-250/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark Komunitarja figurativa Mangiami — Trade mark internazzjonali verbali preċedenti MANGINI — Ammissibbiltà ta’ provi ġodda — Artikolu 76(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 319/30)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Cesca Group Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: D. De Simone, D. Demarinis, u J. Wrede, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Mangini & C. Srl (Sestri Levante, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' April 2009, (Każ R 982/2008-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Mangini & C u Cesca Group Srl.

Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-20 ta' April 2009 (Każ R 982/2008-2), hija annullata.*

(2) L-UASI huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 193, 15.08.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2011 —
Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-298/09) ⁽¹⁾

(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti Komunitarja — Provvista ta’ servizzi esterni għal programmi edukattivi — Għoti ta’ kuntratt lil diversi offerenti — Klassifikazzjoni ta’ offerent — Rikors għal annullament — Obbligu ta’ motivazzjoni — Kawżi ta’ esklużjoni mill-parteċipazzjoni fil-proċedura għall-għoti ta’ kuntratt — Artikolu 93(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju — Perijodu ta’ validità tal-offerti — Responsabbiltà mhux kuntrattwali”)

(2011/C 319/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: N. Korogiannakis u M. Dermizakis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Bambara u E. Manhaeve, aġenti, assistiti minn P. Wytinck, avukati)

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament taż-żewġ deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, ikkomunikati permezz ta' żewġ ittri distinti tat-12 ta' Mejju 2009, li jikklassifikaw lir-rikorrenti, għall-offerti tagħha li ppreżentat b'risposta għas-sejħa għall-offerti pubbliċi EAC/01/2008 għall-provvista ta' servizzi esterni ta' programmi edukattivi (ESP-ISEP) (ĠU 2008/S 158-212752), għal-lott Nru 1 (Żvilupp u manutenzjoni tas-sistemi tal-informatika) kif ukoll għal-lott Nru 2 (Studji u testijiet tas-sistemi tal-informatika u servizzi ta' taħriġ u ta' assistenza konnessi), bħala t-tieni kontraenti għal kull wieħed minn dawn il-lottijiet u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Evropaiki Dynamiki — Proigmena Systemata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 233, 26.09.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Settembru 2011 —
Adjemian e.a. vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-325/09 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal — Kuntratt ta’ reklutaġġ għal żmien determinat — Rifjut ta’ konklużjoni ta’ kuntratt ta’ reklutaġġ jew li kuntratt ta’ reklutaġġ jiġġedded għal żmien indeterminat — Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien determinat — Direttiva 1999/70/KE — Artikolu 88 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg — Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar iż-żmien massimu li matulu jista’ jintuża persunal mhux permanenti fid-dipartimenti tagħha”)

(2011/C 319/32)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Vahan Adjemian (Angera, l-Italja) u l-175 membri tal-persunal u ex membri tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea li l-ismijiet tagħhom huma fl-annessi, fis-sentenza (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u D. Martin, aġenti); u L-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u K. Zieleškievicz, aġenti)

Suġġett

Appell tagħhom ippreżentat skont l-Artikolu 9 tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appellanti jitolbu l-annullament tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tal-4 ta' Ġunju 2009, Adjemian et vs Il-Kummissjoni (F-134/07 u F-8/08, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, iktar 'il quddiem is-sentenza appellata”), bil-għan li jannulla din is-sentenza.